MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1030/2001/1

**SEDUTA Tal-10 ta' Jannar, 2003.**

**Citazzjoni numru 1030/01**
**Michael u Maureen konjugi Briffa**
**Vs.**
**Martin Cilia**
Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' hames elef u tmien mitt lira Maltija (Lm5,800), oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru, 2000, sad-data tal-effettiv pagament, rapprezentanti flus mislufa mill-atturi lill-konvenut, kif jirrizulta anke minn skrittura privata datata hamsa w ghoxrin (25) ta' April, 2000 (Dok MB 1) u li l-konvenut naqas milli jhallas lura;

Illi ghalkemm mitlub diversi drabi anke ufficjalment mill-atturi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi li l-kreditur tal-attur fis-somma ta' hamset elef u tmien mitt Lira

Maltija (Lm5,800), oltre l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament huwa cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jafu l-atturi, l-konvenut m'ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Michael Briffa hawn anness Dok X;

Talbu ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. taghti s-sentenza u u tilqa t-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif pprovdut fl-artikoli l67 – l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

2. tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' hamest elef u tmien mitt Lira Maltija (Lm5,800) rappresentanti flus mislufa lill-konvenut mill-atturi u illi l-konvenut naqas milli jhallas lura;

3. bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-25 ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Mejju, 2001, u tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid kawtellatorju li gew presentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu u dana nonostante li inghata hafna opportunitajiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Peress illi mill-provi it-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu akkordati;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici bl-imghaxijiet kollha legali mit-22 ta''Mejju, 2001.

Spejjes kontra l-konvenut.